SOĊJETÀ FILARMONIKA
"LOURDES"
QRENDI
Tel: 824629

A.D. 1895 LEĦEN IL-BANDA LOURDES - QRENDI

KUMMENT EDITORJALI

F'din il-ħarġa xtaqna li nagħmlu dawn il-kelmtejn u naċċennaw fuq xi punti li jirrigwardjaw din il-pubblikazzjoni.

L-ewwel li nixtieqi nsemmu huwa l-fatt li s-sena l-oħra 1987 kienet l-10 sena konsekuttiva tal-pubblikazzjoni ta' dan il-Ktejjeb mis-Soċjeta Filarmonika "LOURDES'. Il-bidu ta' dan il-Ktejjeb fl-1978 kien iebes, pero` ma ħarisniex lura u bqajna bil-pubblikazzjoni sena wara l-oħra. Fl-1984 bdejna bl-"off set" u fl-1985 introduċejna il-kulur.

L-iskop tagħna dejjem kien, speċjalment, li nedukaw u li nżommu l-Membri u l-Ħbieb tagħna nfurmati b'tagħrif li jolqot lis-Soċjeta tagħna "Lourdes" u anke sabiex inżidu d-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titolu min ta' LOURDES.

Huwa ta' sodisfazzjon għalina li min raħal hekk ċkejken noħorġu din l-pubblikazzjoni li kellna tifħir u nkoraġġiment anke min sħabna emigranti fl-Awstralja u l-Kanada.

Nieħdu din l-okkażżjoni u nirringrazzjaw pubblikament lil kittieba kollha li ġentilment għoġobhom jikkontribwixxu l-materjali nteressanti tagħhom u lil dawk kollha li rreklamaw f'dan il-Ktejjeb biex itaffulna mill-ispejjeż tiegħu. Nappellaw lil qarrejja tagħna kollha sabiex inpattu għal dan il-ġest billi nagħmlu użu mill-ħwienet u prodotti reklamati f'dil-ħarġa.

Ġunju 1988

BORD EDITORJALI: Joe A Magro, Pinu Axiaq, Godfrey Axiaq

Copyright Ritratt tal-Qoxra: Bil-Kortesija tas-Sur J. Pace

Printed: Printwell Ltd.

